MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 198/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Vincent Mifsud**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Vincent Mifsud talli fis-17 ta’ Gunju, 2002 ghall-habta tas-7.30 am f’tas-Sirena, Bahrija, limiti tar-Rabat (Malta) (**1**) fixkel jew ma halliex lil huh Paolo igawdi dak li bi dritt u bil-ligi ghandu dritt ghalih; (**2**) uza forza fizika kontra huh Paolo u kkagunalu griehi ta’ natura hafifa; u (**3**) ghamel hsara ta’ anqas minn tlett liri fi proprjeta` (frott) ta’ l-imsemmi huh;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta’ Settembru, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-

imsemmi Vincent Mifsud hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu hames liri (Lm5) ammenda fuq l-ewwel imputazzjoni, ghaxar liri (Lm10) ammenda fuq it-tieni imputazzjoni u hames liri (Lm5) ammenda fuq it-tielet imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Vincent Mifsud, minnu ppresentat fis-6 ta’ Settembru, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-3 ta’ Jannar, 2003; ikkunsidrat:

It-tlett aggravji ta’ l-appellant jirriducu ruhhom, bazikament, ghal aggravju wiehed, u cioe` li l-imputazzjonijiet ma jirrizultawx pruvati. Din il-Qorti, wara li semghet kemm lil Paolo Mifsud, lil martu Mary, kif ukoll lill-appellant fl-udjenza tat-3 ta’ Jannar, 2003, hi tal-fehma li ma hemm ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni ta' fatt milhuqa mill-ewwel qorti dwar il-htija fir-rigward tat-tlett imputazzjonijiet. Il-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti kienet wahda li dik il-qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghaliha a bazi tal-provi li kellha qiddiemha.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------